GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

# ĊIRKOLARI

Referenza: DG DES 15/2024

Mingħand: Kenneth, Busuttil, Kap - Migrant Learners' Unit

Lil: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali / Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Diretturi / Assistenti Diretturi /Kapijiet
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat
Kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti
Uffiċjali Edukattivi / Kapijiet tad-Dipartiment

Suġġett: Il-Korsijiet tas-Sajf Language to Go! 2024 – L-applikazzjonijiet miftuħa

Data: 3 ta' Mejju 2024

---

(*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*)

Il-Migrant Learners' Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni ser tkun qed torganizzata l-***Language to Go!*** – kors fis-sajf ta' tmien sessjonijiet bil-għan li joffri appoġġ **lil studenti li għadhom qed jibdew jitgħallmu l-Malti u / jew l-Ingliż**. Kull sessjoni ttul 90 minuta għal darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa, mifruxa fuq perjodu ta' tlieta jew erba' ġimgħat li jibdew mill-15 ta' Lulju 2024 (dati suġġetti għal tibdil). Dawn il-korsijiet huma mmirati għal studenti li għadhom jaslu f'Malta jew dawk li għadhom isibu diffikultà fil-komunikazzjoni bil-Malti u / jew bl-Ingliż. Studenti li bħalissa qed jattendu fl-iskejjel u qegħdin **fit-2 sal-10 Sena** huma eliġibbli biex japplikaw. Il-korsijiet se jsiru b'mod virtwali.

Il-parteċipazzjoni fil-korsijiet tal-*Language to Go!* hija bla ħlas. Studenti jistgħu jissieħbu kemm fil-Malti, fl-Ingliz, jew fiż-żewġ ilsna f'daqqa.

Dawn interessati għandhom jimlew din il-formola (jekk jogħġbok agħfas fuq din il-ħolqa) li trid tkun awtorizzata mill-ġenitur/gwardjan rispettiv. Sabiex ikun assigurat li l-ħolqa t'hawn fuq taħdem, din iċ-ċirkulari għandha tiġi mniżżla mill-imejl oriġinali.

**Huwa rakkomandat li persuni interessati japplikaw sal-aħħar ta' Mejju 2024.**

F'każ ta' diffikultà fil-mili tal-formola wieħed jista' jikkuntattjana bl-imejl fuq l2g.mlu@ilearn.edu.mt  jew bit-telefon fuq 2598 1594.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Ritianne Borg Saliba**
**Direttur Ġenerali**
**Dipartiment għal Servizzi Edukattivi**